MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**

**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2015

Appell Civili Numru. 364/2014/1

**Rikors numru 364/2014**

**Rikors numru 365/2014**

**Rikors ta' Mark Mifsud Bonnici, Raymond Zammit u Nyal Xuereb, f'isimhom proprju u għan-nom u l-interess tal-Għaqda Kaċċaturi San Ubertu**

**u**

**Rikors ta' Joseph Perici Calascione u Carmelo *sive* Lino Farrugia f'isimhom proprju u, bħala President u Kap Esekuttiv rispettivament tal-*Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti*, f'isem il-membri kollha tal-istess federazzjoni**

1. Dan huwa provvediment dwar żewġ rikorsi magħmula taħt l-art. 16 tal-Att dwar ir-Referendi ["Kap. 237"] biex ma jitħalliex isir referendum taħt dak l-Att. Il-fatti li wasslu għal dan il-każ seħħew hekk:

2. Id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi ["id-Direttiva 2009/147/KE"] (li issostitwiet, b'disposizzjonijiet li, għall-għanijiet ta' din il-kawża, jixxiebhu, id-Direttiva tal-Kunsill tat-2 ta' April 1979 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi ["id-Direttiva 79/409/KEE"]) tipprovdi fl-artikolu 2 tagħha illi l-istati membri tal-Unjoni Ewropea:

> »... ... ... għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex iżommu jew jadattaw il-popolazzjoni tal-ispeċi kollha msemmija fl-Artikolu 1[1] fil-livell li jikkorrispondi partikolarment għall-ħtiġiet ekoloġiċi, xjentifiċi u kulturali, filwaqt li tittieħed kunsiderazzjoni tal-ħtiġijiet ekonomiċi u rekreazzjonali.«

3. L-artikolu 5 jkompli jipprovdi illi:

[1] "l-ispeċi kollha tal-għasafar li jinsabu fin-natura fit-territorju Ewropew tal-Istati Membri".

»... ... ... l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jistabbilixxu sistema ġenerali ta' protezzjoni għall-ispeċi kollha tal-għasafar imsemmija fl-Artikolu 1, li tipprojbixxi partikolarment:

»(a) il-qtil u l-qabda intenzjonata bi kwalunkwe metodu;«

4. L-artikolu 9 imbagħad jagħti lill-istati membri s-setgħa illi, f'ċerti ċirkostanzi u taħt ċerti kondizzjonijiet, jidderogaw mill-projbizzjonijiet li trid id-direttiva:

»Artikolu 9

»1. L-Istati Membri jistgħu jidderogaw mid-dispożizzjonjiet tal-Artikoli 5 sa 8, fejn ma hemm ebda soluzzjoni oħra sodisfaċenti għar-raġunijiet li ġejjin:

»(a) — fl-interess tas-saħħa u s-siġurtà tal-pubbliku;

» — fl-interess tas-sigurtà tal-ajru;

» — biex ikunu prevenuti [*sic*] l-ħsarat serji tal-uċuħ, tal-bhejjem, tal-foresti, tas-sajd u tal-ilma;

» — għall-protezzjoni tal-flora u l-fawna;

»(b) għal għanijiet tar-riċerka u t-tagħlim, tar-ripopolazzjoni, l-introduzzjoni mill-ġdid u għat-tagħmir neċessarju għal dawn l-għanijiet;

»(c) biex jippermettu, taħt kondizzjonijiet ta' sorveljanza stretta u fuq bażijiet selettivi, il-qabda, iż-żamma jew l-użi oħra meqjusa ta' ċerti għasafar f'numri żgħar.

»2. Id-derogi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jispeċifikaw:

»(a) l-ispeċi li huma suġġetti għad-derogi;

»(b) l-mezzi, l-arranġamenti jew il-metodi awtorizzati għall-qabda jew il-qtil;

»(c) il-kondizzjonjiet tar-riskju u ċ-ċirkostanzi taż-żmien u l-post skont liema derogi bħal dawn jistgħu jingħataw;

»(d) l-awtorità li jkollha s-setgħa li tiddikjara li l-kundizzjonijiet meħtieġa jkunu sodisfatti u li tiddeċidi liema mezzi, arranġamenti jew metodi jistgħu jkunu użati, f'liema limiti u minn min;

»(e) il-kontrolli li se jkunu magħmula.

»3. Kull sena l-Istati Membri għandhom jibagħtu rapport lill- Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-paragrafi 1 u 2.

»4. Fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli għaliha u partikolarment fl-informazzjoni kommunikata skont il-paragrafu 3, il-Kummissjoni għandha dejjem tassigura li l-konsegwenzi tad-derogi previsti fil-paragrafu 1 ma humiex inkompatibbli ma' din id-Direttiva. Din għandha tieħu passi xierqa għal dan l-iskop.«

5. Relevanti wkoll huwa l-art. 14 li jgħid hekk:

»Artikolu 14

»L-Istati Membri jistgħu jintroduċu miżuri protettivi aktar stretti minn dawk li hemm previsti f'din id-Direttiva.«

6. Sabiex jimplementa d-Direttiva 79/409KEE li mbagħad ġiet sostitwita bid-Direttiva 2009/147/KE, l-istat malti kien għadda b'liġi r-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi [A.L. 79 tal-2006 kif emendat – "L.S. 504.71"]. Inqeda wkoll bid-deroga biex jippermetti l-kaċċa fir-rebbigħa fl-2004 u s-snin ta' wara.

7. Il-Kummissjoni Ewropea fetħet proċeduri kontra Malta quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fl-ismijiet <u>il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej *v.* Ir-Repubblika ta' Malta</u> billi kienet tal-fehma illi meta l-istat malti awtorizza l-ftuħ tal-kaċċa għal xi speċi ta' għasafar matul il-perijodu tal-migrazzjoni tar-rebbigħa huwa naqas milli jħares il-kundizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva 79/409/KEE u b'hekk naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt dik id-direttiva[2]. B'dikriet tal-24 ta' April 2008 il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja ordna, bħala miżura provviżorja, illi l-istat malti ma jawtorizzax il-kaċċa matul ir-rebbigħa tal-2008. Imbagħad, b'sentenza mogħtija fl-10 ta' Settembru 2009 il-Qorti tal-Ġustizzja iddeċidiet hekk:

> »Billi awtorizzat il-ftuħ tal-kaċċa għas-summien (*Coturnix coturnix*) u għall-gamiem (*Streptopelia turtur*) matul il-perijodu tal-migrazzjoni tar-rebbigħa tas-snin 2004 sa 2007, mingħajr ma osservat il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 9 (1) tad-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE, tat-2 ta' April 1979, dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi, kif emendata ... ... ..., ir-Repubblika ta' Malta naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt din id-direttiva.«

8. Il-Qorti tal-Ġustizzja waslet għal din il-konklużjoni wara li għamlet dawn l-osservazzjonijiet:

> »46 Skont l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva, l-ispeċi elenkati fl-Anness II tagħha jistgħu jkunu suġġetti għal atti ta' kaċċa fil-kuntest tal-leġiżlazzjoni nazzjonali. Madankollu, l-Artikolu 7(4) jipprovdi, b'mod partikolari, li, meta jkunu involuti speċi migratorji, l-Istati Membri għandhom jiżguraw, b'mod partikolari, li dawn ma jkunux suġġetti għall-kaċċa matul ir-ritorn tagħhom lejn il-postijiet tat-trobbija tagħhom.

[2] C-76/08.

»47 F'dan il-każ, is-summien u l-gamiem jaqgħu taħt id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 7(1) u (4) tad-Direttiva u, għaldaqstant, dawn iż-żewġ speċi ma għandhomx ikunu suġġetti għall-kaċċa matul ir-ritorn tagħhom lejn il-postijiet tat-trobbija tagħhom.

»48 Madankollu, filwaqt li josservaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 9(1) tad-Direttiva, l-Istati Membri jistgħu jidderogaw mill-obbligi tagħhom taħt l-Artikolu 7 ta' din id-direttiva. Din hija sistema ta' derogi li, għaldaqstant, għandha tiġi interpretata b'mod strett, u li, sabiex tkun implementata, huma l-Istati Membri li għandhom jistabbilixxu li l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tagħha huma sodisfatti.

»49 Fost il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu sodisfatti sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jużaw din is-sistema ta' derogi tinsab, fl-Artikolu 9(1) tad-Direttiva, il-kundizzjoni marbuta mal-assenza ta' soluzzjoni oħra sodisfaċenti.

»50 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet b'mod kostanti li din il-kundizzjoni ma tkunx sodisfatta meta l-perijodu tal-kaċċa miftuħ bħala deroga jikkoinċidi bla bżonn mal-perijodi li matulhom id-Direttiva hija intiża li tistabbilixxi protezzjoni partikolari. Tali bżonn ma jkunx preżenti, b'mod partikolari, jekk l-uniku għan tal-miżura li tawtorizza l-kaċċa bħala deroga jkun li testendi l-perijodi tal-kaċċa għal ċerti speċi tal-għasafar f'territorji li fihom dawn tal-aħħar ikunu diġà jinsabu matul il-perijodi tal-kaċċa stabbiliti skont l-Artikolu 7 tad-Direttiva.

»51 Mill-ġurisprudenza jirriżulta li tali bżonn lanqas ma jkun preżenti meta l-ispeċi kkonċernati jkunu effettivament jinsabu fil-ħarifa fit-territorji miftuħa għall-kaċċa fir-rebbigħa anki jekk ikunu jinsabu fi kwantitajiet kunsiderevolment iżgħar milli jkunu jinsabu fir-rebbigħa, sakemm dawn il-kwantitajiet ma jkunux negliġibbli.

»52 F'dan il-każ, mill-proċess u, b'mod partikolari, mir-rapporti annwali mibgħuta mir-Repubblika ta' Malta lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 9(3) tad-Direttiva, jirriżulta li l-gamiem u s-summien jinsabu f'ċerti żoni tat-territorju ta' dan l-Istat Membru matul il-perijodu tal-kaċċa fil-ħarifa.

»53 Barra minn hekk, anki jekk, kif jallega l-imsemmi Stat Membru, iż-żoni fejn ikunu jinsabu ż-żewġ speċi kkonċernati matul il-perijodu tal-kaċċa fil-ħarifa huma iktar limitati minn dawk fejn ikunu jinsabu dawn iż-żewġ speċi matul il-migrazzjoni tar-rebbigħa, dawn iż-żoni ma tantx jinsabu l-bogħod miż-żoni tal-aħħar u, fuq kollox, mill-proċess ma jirriżultax li ż-żoni fejn ikunu jinsabu dawn l-ispeċi matul il-perijodu tal-kaċċa fil-ħarifa mhumiex faċilment aċċessibbli għall-kaċċaturi f'dan il-perijodu.

»54 Għaldaqstant, iż-żewġ speċi inkwistjoni huma effettivament preżenti fil-ħarifa fit-territorji miftuħa għall-kaċċa fir-rebbigħa.

»55 Madankollu, waħedha, din il-konstatazzjoni mhijiex biżżejjed sabiex jiġi kkunsidrat li teżisti "soluzzjoni oħra sodisfaċenti" fis-sens tal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva.

»56 Fil-fatt, il-leġiżlatur Komunitarju, meta uża l-espressjoni "soluzzjoni oħra sodisfaċenti", ma kellux l-intenzjoni jeskludi l-użu tad-deroga prevista fl-Artikolu 9(1)(ċ) tad-Direttiva fil-każ li jkun hemm possibbiltà kwalunkwe ta' kaċċa matul il-perijodi tal-kaċċa awtorizzati taħt l-Artikolu 7 tad-Direttiva, iżda kellu l-intenzjoni jippermetti li ssir deroga minn din id-dispożizzjoni, sa fejn ikun strettament meħtieġ, fil-każ li l-possibbiltajiet ta' kaċċa disponibbli matul dawn il-perijodi, f'dan il-każ il-ħarifa, jkunu tant

limitati li jintilef il-bilanċ mixtieq mid-Direttiva bejn il-protezzjoni tal-ispeċi u ċerti attivitajiet ta’ rikreazzjoni.

»57 Madankollu, mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 9 tad-Direttiva, li jagħmlu riferiment għall-kontroll strett tal-imsemmija deroga u għan-natura selettiva tal-qabdiet, kif ukoll, barra minn hekk, mill-prinċipju ġenerali ta’ proporzjonalità, jirriżulta li d-deroga li Stat Membru jkollu l-intenzjoni juża għandha tkun proporzjonata meta mqabbla mal-ħtiġijiet li jiġġustifikawha.

»58 Minn dan jirriżulta li l-konstatazzjoni tal-assenza ta’ soluzzjoni oħra sodisfaċenti, jiġifieri, f’dan il-każ, tal-possibbiltajiet insuffiċjenti ta’ kaċċa fil-ħarifa, mhux talli ma tiftaħx mingħajr limiti l-possibbiltà li tiġi awtorizzata l-kaċċa fir-rebbigħa iżda tippermetti biss li l-kaċċa tinfetaħ strettament biss sa fejn hija meħtieġa u sakemm l-għanijiet l-oħra tad-Direttiva ma jkunux mheddha.

»59 Il-Qorti tal-Ġustizzja għalhekk iddeċidiet li derogi taħt l-Artikolu 9 tad-Direttiva jistgħu jiġu implementati biss jekk jiġi ggarantit li l-popolazzjoni tal-ispeċi kkonċernati ser tinżamm f’livell sodisfaċenti u li, fin-nuqqas ta’ din il-garanzija, il-kaċċa tal-għasafar ma tistax, fi kwalunkwe każ, titqies li hija raġonevoli u, għaldaqstant, li hija sfruttament ammissibbli, fis-sens tal-ħdax-il premessa tad-Direttiva.

»60 F’din il-kawża, mill-proċess ippreżentat quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u, b’mod partikolari, mir-rapporti annwali mibgħuta mir-Repubblika ta’ Malta lill-Kummissjoni kif ukoll mit-trattazzjonijiet matul is-seduta jirriżulta li, matul is-snin inkwistjoni, il-kaċċaturi, matul il-perijodu tal-kaċċa fil-ħarifa, setgħu jaqbdu biss kwantità negliġibbli ta’ għasafar.

»61 Barra minn hekk, mhuwiex ikkontestat mill-Kummissjoni li, matul dan il-perijodu, iż-żewġ speċi ta’ għasafar inkwistjoni jkunu jinsabu biss f’parti żgħira mit-territorju ta’ dan l-Istat Membru u li l-migrazzjoni tagħhom isseħħ prinċipalment fl-aħħar ta’ Awwissu jew matul Settembru.

»62 Fl-aħħar nett, mill-proċess ma jirriżultax li l-popolazzjoni ta’ dawn iż-żewġ speċi ta’ għasafar li huma suġġetti għall-kaċċa tinsab taħt livell sodisfaċenti. Mil-lista tal-ispeċi mheddha stabbilita mill-UICN jirriżulta, b’mod partikolari, li l-ispeċi inkwistjoni jinsabu fil-kategorija msejħa ta’ “preokkupazzjoni minuri”.

»63 Fid-dawl ta’ dawn il-fatti partikolari ħafna, il-kaċċa għall-gamiem u għas-summien matul il-perijodu tal-kaċċa fil-ħarifa ma tistax tiġi kkunsidrata li tikkostitwixxi, f’Malta, soluzzjoni oħra sodisfaċenti, b’tali mod li l-kundizzjoni marbuta mal-assenza ta’ tali soluzzjoni, stabbilita fl-Artikolu 9(1) tad-Direttiva għandha, fil-prinċipju, titqies li hija sodisfatta.

»64 Madankollu, għandha titqajjem il-kwistjoni ta’ jekk il-kundizzjonijiet li fihom ir-Repubblika ta’ Malta awtorizzat il-kaċċa għaż-żewġ speċi inkwistjoni fir-rebbigħa jissodisfawx ir-rekwiżit ta’ proporzjonalità mfakkar fil-punt 58 iktar ’il fuq, kif ukoll l-erba’ kundizzjonijiet l-oħra previsti fl-Artikolu 9(1) tad-Direttiva.

»65 L-estensjoni tal-perijodu tal-kaċċa għal dawn iż-żewġ speċi migratorji permezz tal-awtorizzazzjoni li ssir kaċċa għal madwar xahrejn matul il-perijodu tar-rebbigħa, perijodu li matulu ż-żewġ speċi suġġetti għall-kaċċa jirritornaw lejn il-postijiet tat-trobbija tagħhom, u li twassal għal rata ta’ mortalità tliet darbiet akbar, b’madwar 15 000 għasfur maqtul, għas-summien, u tmien darbiet akbar, b’madwar 32 000 għasfur maqtul, għall-gamiem, minn dik li tirriżulta mill-prattika tal-kaċċa matul il-perijodu tal-

ħarifa, mhijiex soluzzjoni adegwata u strettament proporzjonali għall-għan ta' konservazzjoni tal-ispeċi mfittex mid-Direttiva.

»66 F'dawn iċ-ċirkustanzi, minkejja li ż-żewġ speċi inkwistjoni jkunu jinsabu fil-ħarifa fi kwantitajiet negliġibbli biss u għal perijodu limitat ħafna u peress li ebda att tal-kaċċa mhuwa impossibbli fil-ħarifa, meta awtorizzat il-ftuħ tal-kaċċa fir-rebbigħa għas-summien u għall-gamiem matul diversi ġimgħat kull sena, mill-2004 sal-2007, ir-Repubblika ta' Malta ma osservatx il-kundizzjonijiet tad-deroga prevista fl-Artikolu 9(1) tad-Direttiva, interpretati fid-dawl tal-prinċipju ta' proporzjonalità u, għalhekk, naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt din id-direttiva.

»67 ... ... ...

»68 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, għandu jiġi kkonstatat li, billi awtorizzat il-ftuħ tal-kaċċa għas-summien (*Coturnix coturnix*) u għall-gamiem (*Streptopelia turtur*) matul il-perijodu tar-rebbigħa tas-snin 2004 sal-2007, mingħajr ma osservat il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 9(1) tad-Direttiva, ir-Repubblika ta' Malta naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt din id-direttiva.«

9. L-istat Malti xorta ried jinqeda bis-setgħa li jidderoga mid-Direttiva 2009/147/KE li kienet issa daħlet fis-seħħ flok id-Direttiva 79/409/KEE billi jippermetti l-kaċċa fir-rebbigħa u fl-istess ħin ried iħares il-kundizzjonijiet li l-Qorti tal-Ġustizzja fissret li kellhom jiġu mħarsa sabiex tali deroga tkun konformi mad-direttiva msemmija. Għal dan il-għan l-istat malti għadda b'liġi r-Regolamenti dwar Qafas biex Tiġi Permessa Deroga li Tiftaħ l-Istaġun għall-Kaċċa tal-Gamiem u s-Summien fir-Rebbigħa [A.L. 221 tal-2010 kif emendat – "L.S. 504.94"].

10. Fit-28 ta' Marzu 2014 Christian Debono u oħrajn, miġbura taħt *Coalition to abolish Spring Hunting* ["il-Koalizzjoni"] bagħtu lill-Kummissjoni Elettorali dikjarazzjoni ["id-Dikjarazzjoni"] taħt l-art. 14(1) tal-Kap. 237 b'talba illi b'referendum issir il-mistoqsija lil kull min jkollu jedd li jivvota f'referendum taħt il-Kap 237, jekk għandhomx jibqgħu jseħħu d-disposizzjonijiet tal-L.S. 504.94.

11. Fit-2 ta’ Lulju 2014 il-Kummissjoni Elettorali ippreżentat nota taħt l-art. 14(3) tal-Kap. 237 dwar l-għadd ta’ firem validi u dawk invalidi fid-Dikjarazzjoni u ikkonfermat illi fuq id-Dikjarazzjoni hemm biżżejjed firem biex tista’ ssir it-talba magħmula fiha.

12. Fl-1 ta’ Ottubru 2014 Mark Mifsud Bonnici, Raymond Zammit u Nyal Xuereb, f’isimhom proprju u għan-nom u l-interess tal-Għaqda Kaċċaturi San Ubertu [“l-Għaqda”] ippreżentaw rikors taħt l-art. 16 tal-Kap. 237 b’talba illi r-referendum mitlub fid-Dikjarazzjoni ma jsirx. Huma talbu lill-Qorti:

1. Tiddikjara li r-Regolamenti dwar Qafas biex tiġi Permessa Deroga li Tiftaħ l-iStaġun tal-Kaċċa tal-Gamiem u s-Summiem fir-Rebbigħa Leġislazzjoni Sussidjarja 504.94 – Avviż Legali 221 tal-2010 – jjagħtu seħħ lill-obligazzjonijiet derivanti mid-Direttiva 2009/147/KE, liema direttiva tifforma parti mit-Trattat mal-Unjoni Ewropea kif definit fl-Att dwar l-Unjoni Ewropea, Kap 460 tal-Liġijiet ta’ Malta.
2. Tiddikjara konsegwentement li r-referendum mitlub li jsir permezz tal-istess dikjarazzjoni magħmula taħt l-Artikolu 14 tal-Kap. 237 tal-Liġijiet ta’ Malta m’għandux isir *stante* li d-dispożizzjoni tal-liġi msemmija fid-dikjarazzjoni hija waħda li għaliha ma japplikawx id-dispożizzjonijiet tal-Ħames Taqsima tal-Att dwar ir-Referendi, Kap. 237 tal-Liġiijiet ta’ Malta skont l-Artikolu 13(2) tal-istess Att.
3. Tordna konsegwentement li r-referendum mitlub skont l-istess Artikolu 14 tal-Kap. 237 tal-Liġijiet ta’ Malta ma jseħħx.
4. Tagħti kull ordni u/jew provvediment oppportun ieħor li jidhrilha xieraq fiċ-ċirkostanzi.

13. Għal dan ir-rikors wieġbu il-Kummissjoni Elettorali fit-22 ta’ Ottubru 2014 u l-Prim Ministru u Christian Debono *et* b’risposti separati fil-5 ta’ Novembru 2014.

14. Fit-2 ta’ Ottubru 2014 Joseph Perici Calascione u Carmelo Farrugia f’isimhom u f’isem il-membri tal-*Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Kon-*

*servazzjonisti* [“il-Federazzjoni”] ippreżentaw rikors taħt l-art. 16 tal-Kap. 237 b’talba illi r-referendum mitlub fid-Dikjarazzjoni ma jsirx. Huma talbu lill-Qorti:

1. prevja li tappunta dan ir-rikors għas-smigħ u sottomissjonijiet ulterjuri tar-rikorrenti;
2. u prevja li fil-mori tas-smigħ tal-istess tordna lill-Kummissjoni Elettorali tforni lill-esponenti kopja tal-informazzjoni kollha li ġiet *inputted* fis-sistema kompjuterizzzata tal-istess Kummissjoni Elettorali u tawtorizza lill-istess esponenti iqabblu tali informazzjoni mad-*data* fil-pussess tagħhom;
3. tiddikjara li r-referendum abrogattiv fir-rispett tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 504.94 tal-Liġijiet ta’ Malta (Avviż Legali 221 tal-2010 kif sussegwentement emendat) ma għandux isir.

15. Għal dan ir-rikors wieġbu il-Kummissjoni Elettorali fit-22 ta’ Ottubru 2014 u l-Prim’Ministru fil-5 ta’ Novembru 2014 u Christian Debono *et*, ukoll fil-5 ta’ Novembru 2014.

16. Taħt l-art. 16(1) tal-Kap. 237 ir-raġunijiet għala referendum ma jsirx huma tassativament dawn:

»(*a*) l-għadd ta’ persuni msemmija mill-Kummissjoni Elettorali li jkunu validament iffirmaw id-dikjarazzjoni jkun inqas minn dak stabbilit fl-artikolu 14(1)[3]; jew

»(*b*) id-disposizzjoni tal-liġi msemmija fid-dikjarazzjoni tkun waħda li għaliha ma jkunux japplikaw id-disposizzjonijiet ta’ din it-Taqsima ta’ dan l-Att skont l-artikolu 13(2)[4]; jew

»(*ċ*) li kieku d-disposizzjonijiet tal-liġi msemmija fid-dikjarazzjoni ma kellhomx jibqgħu japplikaw, il-liġi kienet tkun inkompatibbli ma’ xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Europea; jew

»(*d*) iż-żmien stabbilit fl-artikolu 20(2) qabel ma jkunu jistgħu jsiru d-dikjarazzjonijiet li jitolbu r-referendum ma jkunx għadu skada meta dawk

3 “Għadd ta’ persuni reġistrati bħala eletturi għall-elezzjoni ta’ membri fil-Kamra tad-Deputati, li ma għandux ikun inqas minn għaxra fil-mija mill-għadd totali ta’ persuni reġistrati bħala eletturi hekk kif jidhru fir-Reġistru Elettorali rivedut l-aħħar ippublikat qabel il-konsenja tad-dikjarazzjoni … … …”

4 Fosthom: “(*f*) kull leġislazzjoni fiskali; (*g*) kull leġislazzjoni li tagħti seħħ lil xi obbligazzjoni derivanti minn trattat li jkollha sehem fih Malta”.

id-dikjarazzjonijiet jkunu ġew ippreżentati għand il-Kummissjoni Elettorali.[5]«

17. Il-Qorti hi tal-fehma li għandha tikkunsidra l-ewwel ir-raġunijiet miġjuba ’l quddiem mill-Federazzjoni u fil-kors li tagħmel dan tikkunsidra wkoll ir-raġunijiet miġjuba ’l quddiem mill-Għaqda.

18. L-ewwel raġuni mressqa mill-Federazzjoni għala r-referendum ma għandux isir hija illi l-art. 14 tal-Kap. 237 iħalli illi jissejjaħ referendum biex ma tibqax isseħħ “xi disposizzjoni jew għadd ta’ disposizzjonijiet ta’ xi liġi” u mhux biex ma tibqax isseħħ liġi sħiħa, kif inhi l-mistoqsija taħt ir-referendum li trid il-Koalizzjoni.

19. Fil-fehma ta’ din il-qorti d-distinzjoni li qiegħda tagħmel il-Federazzjoni bejn “disposizzjoni jew disposizzjonijiet” ta’ liġi u “liġi sħiħa” hija waħda artifiċjali. L-art. 14(1) ma jagħmel ebda limitu fuq il-għadd ta’ disposizzjonijiet ta’ liġi li jistgħu jintlaqtu b’referendum abrogativ, bħallikieku ma tistax issir talba biex ma tibqax fis-seħħ liġi b’għoxrin disposizzjoni iżda tista’ ssir talba biex ma jibqgħux fis-seħħ dsatax minn dawk l-għoxrin disposizzjoni u titħalla waħda biss fis-seħħ.  Fil-fatt, l-art. 13(1) igħid illi l-proċedura tar-referendum abrogativ tolqot “*kull* disposizzjoni” ta’ liġi li ma tkunx waħda minn dawk elenkati tassativament fl-art. 13(2), u l-effett tagħha ma hux limitat għal kull disposizzjoni li tkun biss parti minn liġi u mhux liġi sħiħa.

20. L-ewwel oġġezzjoni tal-Federazzjoni hija għalhekk miċħuda.

[5] Id-disposizzjoni tal-art. 20(2) ma hijiex relevanti għall-każ tallum.

21. It-tieni oġġezzjoni tgħid illi d-Dikjarazzjoni ma tgħidx min huma l-persuni li qegħdin jagħmluha, u għalhekk ma tħarisx dak li jgħid u jrid l-art. 15(2) tal-Kap. 237:

> »**15.** (2) Dawk li jipproponu r-referendum, li ma jkunux inqas minn ħamsa u mhux iktar minn għaxra, għandhom jiffirmaw id-dikjarazzjoni qabel il-persuni l-oħra kollha filwaqt li jindikaw li jkunu qegħdin jiffirmaw bħala proponenti.«

22. Din l-oġġezzjoni hija fattwalment ħażina. Id-Dikjarazzjoni saret fil-forma murija fl-Ewwel Skeda tal-Kap. 237 li trid li d-dikjarazzjoni tibda hekk:

> »Aħna hawn taħt iffirmati li aħna persuni rreġistrati bħala eletturi għall-elezzjoni ta' membri fil-Kamra tad-Deputati (li minna l-ewwel għadd ta' *(1) ........................ persuni hawn taħt iffirmati huma l-proponenti) qegħdin nitolbu li l-mistoqsija dwar jekk dawn id-disposizzjonijiet tal-liġi li ġejjin, jiġifieri ... ... ...«

23. Imbagħad fil-parti fejn fl-Ewwel Skeda jitħalla vojt – fejn hemm l-istilla (*) u n-numru wieħed (1) – biex jitniżżel in-numru ta' proponenti tniżżel in-numru "għaxar", li jfisser illi l-ewwel għaxar ismijiet huma tal-proponenti u l-bqija huma l-ismijiet ta' dawk illi ffirmaw id-dikjarazzjoni biex jintlaħaq in-numru li jrid l-art. 14(1) biex id-dikjarazzjoni tkun tista' validament tintbagħat lill-Kummissjoni Elettorali.

24. It-tieni oġġezzjoni hija għalhekk miċħuda.

25. Fit-tielet oġġezzjoni l-Federazzjoni tgħid illi l-Kummissjoni Elettorali ma għamlitx il-verifiki meħtieġa biex tara illi tassew fuq id-Dikjarazzjoni hemm numru biżżejjed ta' firem validi. Tgħid illi "bl-eżercizzju mwettaq mill-Kummissjoni Elettorali ċertament ... din ma setgħetx tiddikjara fiż-żgur l-għadd ta' firem validi li jinqraw mid-dikjarazzjoni u konsegwentement qatt ma setghet tiżgura jekk l-għadd ta' persuni meħieġa iffirmax jew le d-dikjarazzjoni". Tgħid ukoll illi l-Kummissjoni Elettorali ma ivverifikatx l-

awtentiċità tal-firem. Il-Federazzjoni għalhekk talbet illi tingħata "kopja tal-informazzjoni kollha li ġiet *inputted* fis-sistema kompjuterizzata mill-istess Kummissjoni Elettorali sabiex b'hekk l-esponenti jkunu jistgħu jqabblu tali informazzjoni mad-*data* li għandhom huma".

26. Fl-art. 14(3) u (4) tal-Kap. 237 jingħad hekk:

> »**14.** (3) Il-Kummissjoni Elettorali għandha fi żmien ħmistax-il jum mill-konsenja tad-dikjarazzjonijiet imsemmija fis-subartikolu (1) tiżgura xi jkun l-għadd ta' persuni, kwalifikati skont ma hemm fis-subartikolu (1), li jkunu ffirmaw id-dikjarazzjoni, u għandha matul iż-żmien imsemmi ta' ħmistax-il jum tiddepożita dawk id-dikjarazzjonijiet permezz ta' nota fir-reġistru tal-Qorti Kostituzzjonali, li biha tiddikjara x'ikun l-għadd ta' firem validi li jinqraw mid-dikjarazzjoni, kif ukoll l-għadd ta' firem invalidi u għaliex dawn ikunu invalidi, flimkien ma' dikjarazzjoni li tkun tindika jekk l-għadd ta' persuni meħtieġa skont is-subartikolu (1) ikunx iffirma d-dikjarazzjoni.
>
> »(4) Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni Elettorali dwar l-għadd ta' persuni li jkunu ffirmaw validament id-dikjarazzjoni għandha tkun waħda finali u konkluživa.«

27. Il-Kummissjoni Elettorali ippreżentat in-nota li jrid l-art. 14(3) fit-2 ta' Lulju 2014. F'dik in-nota fissret kif għamlet il-verifika tal-firem u qalet kemm huma l-firem validi u dawk invalidi. L-art. 14(4) igħid illi d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Elettorali dwar il-għadd tal-firem validi għandha tkun finali u konkluživa u din il-qorti ma tarax illi s-suspetti ġeneriċi mressqa mill-Federazzjoni, imsaħħa b'ebda prova jew argument konvinċenti, huma biżżejjed biex tiġi serjament kontestata d-deċiżjoni tal-kummissjoni. Il-metodu ta' verifika tal-firem adottat mill-Kummissjoni Elettorali, kif imfisser fin-nota tagħha tat-2 ta' Lulju 2014, huwa wieħed raġonevoli; verifika ta' kull firma minn espert tal-kitba, kif trid il-Federazzjoni, la tkun prattika u lanqas fattibbli. Barra minn hekk, meta tqis ukoll illi l-għadd meħtieġ ta' firem kien tlieta u tletin elf, erba' mija u tmintax (33,418) u l-Kummissjoni Elettorali għaddet wieħed u erbgħin elf, erba' mija u erbgħa u disgħin (41,494) firma valida, b'mod illi, ukoll jekk dsatax fil-mija (19%) tal-firem maħsuba validi huma ħżiena, xorta jifdal aktar minn biżżejjed

biex id-dikjarazzjoni tintlaqa', is-suspetti tal-Federazzjoni ma jistgħux ma jitqisux fiergħa.

28. Il-qorti għalhekk tiċħad it-tielet oġġezzjoni u tiċħad ukoll it-talba tal-Federazzjoni biex tingħata d-*data* fil-pussess tal-Kummissjoni Elettorali.

29. Fir-raba' oġġezzjoni l-Federazzjoni tgħid illi l-L.S. 504.94 hija leġislazzjoni fiskali u għalhekk hija mħarsa taħt l-art. 16(1)(*f*) tal-Kap. 237. Tgħid illi hija leġislazzjoni fiskali għax min imur għall-kaċċa għandu jkollu liċenza li biex jiksibha jrid iħallas.

30. Leġislazzjoni fiskali hija dik, bħall-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* jew l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, illi l-għan ewlieni tagħha huwa l-ġbir ta' flus għall-erarju. Liġi ma titqiesx leġislazzjoni fiskali għar-raġuni biss illi taħseb għal ħlas ta' dritt talli jingħata servizz speċifiku bħal ma hu l-ħruġ ta' liċenza. L-għan ewlieni tal-L.S. 504.04 ma huwiex il-ġbir ta' flus iżda r-regolamentazzjoni meħtieġa biex tista' ssir deroga taħt id-Direttiva 2009/147/KE.

31. Billi għalhekk il-L.S. 504.04 ma tistax titqies leġislazzjoni fiskali, ir-raba' oġġezzjoni wkoll hija miċħuda.

32. Il-ħames oġġezzjoni tgħid illi l-L.S. 504.04 hija "leġislazzjoni li tagħti seħħ lil xi obbligazzjoni derivanti minn trattat li jkollha sehem fih Malta"; speċifikament, tgħid illi Malta taħt it-Trattati Ewropej hija marbuta li timplimenta d-direttivi tal-Unjoni Ewropea, fosthom id-Direttiva 2009/147/KE, u l-L.S. 504.04 hija miżura biex timplimenta dik id-direttiva. Jekk ma tibqax fis-seħħ il-L.S. 504.04, tgħid il-Federazzjoni, Malta tkun qiegħda tonqos milli

twettaq l-obbligu tagħha li timplimenta d-Direttiva. Kompliet tfisser din l-oġġezzjoni hekk:

»26 … … … il-*Coalition to Abolish Spring Hunting* qiegħda tipproponi li tiġi mħassra il-Leġislazzjoni Sussidiarja 504.94 tal-Liġijiet ta' Malta, u *cioè* ir-Regolamenti dwar Qafas biex Tiġi Permessa Deroga li Tiftaħ l-Istaġun għall-Kaċċa tal-Gamiem u s-Summien fir-Rebbigħa.

»Din il-Leġislazzjoni Sussidjarja ġiet introdotta fis-sena 2010, in segwitu għad-deċiżjoni fl-ismijiet Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej *vs* Ir-Repubblika ta' Malta, liema deċiżjoni kienet titratta proprju l-kaċċa fir-rebbigħa f'Malta u jekk Malta kinitx korretta meta fetħet l-istaġun tal-kaċċa fir-rebbigħa fis-snin indikati mill-Kummissjoni.

»Il-Qorti Ewropeja f'din is-sentenza ikkonkludiet is-segwenti prinċipji:

»a) il-kaċċa fil-ħarifa għas-summien u gamiem ma kinitx tikkostitwixxi soluzzjoni oħra sodisfaċenti *ai termini* tad-Direttiva dwar l-Għasafar; u għalhekk:

»b) sabiex ma jintilifx il-bilanċ mixtieq mid-Direttiva bejn il-protezzjoni tal-ispeċi u ċerti attivitajiet ta' rikreazzjoni;

»ċ) il-kaċċa fir-rebbigħa għaż-żewġt ispeċi setgħet tiġi permessa b'applikazzjoni ta' deroga, *purché* li jiġu sodisfati l-erba' (4) kundizzjonijiet imsemmija fl-art. 9(1) tad-Direttiva dwar l-Għasafar biex tiġi applikata deroga.

»Sussegwentament il-Gvern ta' Malta, proprju sabiex jonora l-obbligazzjonijiet tiegħu taħt id-Direttiva dwar l-Għasafar, ħoloq qafas li fih ikun jista' jimplimenta fil-prattika l-obbligazzjonijiet tiegħu *ai termini* tad-Direttiva, kif interpretati mill-Qorti Ewropeja.

»Infatti, l-istess Leġislazzjoni Sussidjarja 504.94 tal-Liġijiet ta' Malta, f'regolament 3, tagħmel referenza diretta għal-soluzzioni sodisfaċenti skont id-disposizzjonijiet tal-art. 9(1) tad-Direttiva 2009/147 KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi.

»Din ir-referenza fil-liġi saret proprju għaliex, jekk il-kaċċa għaż-żewġt ispeċi konċernati matul l-istaġun tal-kaċċa tul il-ħarifa ta' qabel tkun tikkostitwixxi soluzzjoni sodisfaċenti *ai termini* tad-direttiva, u allura l-bilanċ imfittex fl-art. 2 tal-istess Direttiva dwar l-Għasafar, *ossia*, il-bilanċ bejn il-konservazzjoni tal-għasafar u l-ħtiġijiet rekreazzjonali, ikun intlaħaq, konsegwentament il-Gvern ta' Malta ma jiftaħx l-istaġun tal-kaċċa fir-rebbigħa.

»Kuntrarjament, jekk l-kaċċa għaż-żewġt ispeċi konċernati matul l-istaġun tal-kaċċa tul il-ħarifa ta' qabel ma tkunx tikkostitwixxi soluzzioni sodisfaċenti, allura proprju sabiex jiġi rigorożament rispettat il-bilanċ fl-art. 2 suriferit, bejn il-konservazzjoni tal-għasafar u l-ħtiġijiet rekreazzjonali, li sa dak il-ħin ma jkunx intlaħaq, kosegwentament il-Gvern ta' Malta jiftaħ l-istaġun tal-kaċċa fir-rebbigħa, u jagħmel dan *tramite* dan il-qafas misjub fil-Leġislazzjoni Sussidjarja 504.94 tal-Liġijiet ta' Malta.

»27. L-esponenti umilment jissottomettu illi l-premess diġà juri *a priori* li, minħabba li l-liġi li tagħha qiegħda tiġi proposta l-abrogazzjoni hija liġi li ġiet inkorporata fil-Liġijiet ta' Malta sabiex effettivament timplementa l-obbligazzjonijiet derivanti minn trattat li fih għandha sehem Malta, ir-referendum abrogattiv li qed jiġi propost mill-*Coalition to Abolish Spring*

*Hunting* huwa projbit milli jseħħ *ai termini* tal-art. 13(2)(*g*) tal-Kap. 237 tal-Liġijiet ta' Malta.

»… … …

»39. L-esponenti huma iktar u aktar konvinti minn dawn is-sottomissjonijiet fil-paragrafi preċedenti meta jħarsu wkoll lejn is-sentenza fl-ismijiet Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej *vs* ir-Repubblika ta' Malta, li turi li fil-każ partikolari ta' Malta l-kaċċa fil-ħarifa ma hijiex soluzzjoni sodisfaċenti.

»40. Din id-deċiżjoni ddikjarat b'mod ċar u inekwivoku illi fil-każ partikolari ta' Malta, il-kaċċa fil-ħarifa ma hijiex soluzzjoni sodisfaċenti. Daqstant il-qorti ma ddikjaratux b'mod kapriċċjuż iżda a bażi tal-fatt illi:

»a) matul is-snin inkwistjoni, il-kaċċaturi, matul il-perijodu tal-kaċċa fil-ħarifa, setgħu jaqbdu biss kwantità negliġibbli ta' għasafar;

»b) matul dan il-perijodu, iż-żewġ speċi ta' għasafar inkwistjoni jkunu jinsabu biss f'parti żgħira mit-territorju ta' dan l-istat membru;

»ċ) li l-migrazzjoni tagħhom issehh prinċipalment fl-ahhar ta' Awwissu jew matul Settembru; u

»d) mil-lista tal-ispeċi mheddha stabbilita mill-*UICN* jirriżulta, b'mod partikolari, li l-ispeċi inkwistjoni jinsabu fil-kategorija msejħa ta' "pre-okkupazzjoni minuri.

»A bażi tal-konklużjonijiet tal-Qorti Ewropeja dwar il-kaċċa fil-ħarifa, l-esponenti jissottomettu illi l-kaċċa fil-ħarifa, kienet u għadha ma tikkostitwix soluzzjoni sodisfaċenti kif stabbilit fl-art. 9(1) tad-direttiva.

»41. Dan huwa stat ta' fatt li ma jistax, bir-rispett kollu, jiġi merut rnill-*Coalition to Abolish Spring Hunting*. Fid-dawl ta' dan l-istat ta' fatt, kif konfermat mill-Qorti Ewropea, l-istanti jissottomettu illi l-mument li l-Leġislazzjoni Sussidjarja 504.94 tal-Liġijiet ta' Malta, leġislazzjoni li tagħti lok għall-kaċċa fir-rebbigħa, tiġi revokata, il-Gvern ta' Malta jkun qiegħed jikser l-obbligazzjonijiet tiegħu taħt l-art. 2 tad- Direttiva tal-Għasfar.

»42. Dan għaliex ... ... ... l-istess direttiva, fl-art. 2 titlob illi jkun hemm bilanċ bejn il-konservazzjoni tal-għasafar u l-attivitajiet rekreazzjonali. Kwindi isegwi li jekk, minkejja li hemm dikjarazzjoni tal-Qorti Ewropea illi l-kaċċa fil-ħarifa ma hijiex soluzzjoni sodisfaċenti, il-qafas li jippermetti l-applikazzjoni għal deroga sabiex issir il-kaċċa fir-rebbigħa jiġi revokat, ikun inqered għal kollox dan il-bilanċ rikjest mid-direttiva.«

33. Din ir-raġuni hi wkoll ir-raġuni unika miġjuba 'l quddiem mill-Għaqda li wkoll issostni li in kwantu l-Leġislazzjoni Sussidjarja 504.94 tal-Liġijiet ta' Malta, A.L. 221 tal-2010, tagħti seħħ lill-obbligazzjonijiet derivanti mid-Direttiva 2009/147/KE, li tifforma parti mit-Trattat mal-Unjoni Ewropea, l-istess leġislazzjoni sussidjarja tinkwadra fil-paragrafu (*g*) tal-artikolu 13(2) tal-Att dwar ir-Referendi Kap. 237 bħala "leġislazzjoni li tagħti seħħ lil xi obbligazzjoni derivanti minn trattat li jkollha sehem fih Malta" u għalhekk, in

kwantu tali, t-Taqsima V tal-Kap. 237 li taħtha saret id-Dikjarazzjoni ma tapplikax għall-leġislazzjoni sussidjarja msemmija u għalhekk l-Għaqda ssostni li r-referendum mitlub ma għandux iseħħ.

34. Minn naħa tagħha l-Għaqda fissret l-oġġezzjoni tagħha kif ġej:

> »2. Illi r-Regolamenti dwar Qafas biex tiġi Permessa Deroga li Tiftaħ l-iStaġun tal-Kaċċa tal-Gamiem u s-Summiem fir-Rebbiegħa, Leġislazzjoni Sussidjarja 504.94 – Avviż Legali 221 tal-2010, jipprovdu l-qafas legali maħluq mil-leġislatur Malti sabiex jassigura l-osservanza tal-kundizzjonijiet taħt liema tista' ssir deroga mill-Artikoli 5 sa 8 tad-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi, senjatament kif ipprovdut fl-Artikolu 9 tal-istess Direttiva.
>
> »3. Illi l-qafas legali maħluq permezz tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 504.94 – Avviż Legali 221 tal-2010, ġie promulgat in segwitu għad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tal-10 ta' Settembru 2009 fl-ismijiet *Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs. Ir-Repubblika ta' Malta,* fejn il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet il-legalita' ta' derogi magħmula taħt l-Artikolu 9 tad-Direttiva "... *jekk jiġi garantit li l-popolazzjoni tal-ispeċi kkonċernati sar tinżamm f'livell sodisfaċenti*". Kopja tad-deċizjoni qiegħda tiġi annessa u mmarkata Dok. KSU2.
>
> »4. Illi għalhekk jirriżulta li d-deroga maħluqa permezz tal-Leġislazzjoni Sussidjerja 504.94 – Avviż Legali 221 tal-2010 hija xejn aktar ħlief leġislazzjoni li permezz tagħha, ir-Repubblika ta' Malta taqssigura ruħha li qiegħda tottempra ruħha mal-liġijiet viġenti Ewropej u l-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, liema liġijiet huma inklużi fid-definizzjoni tat-terminu "trattat" misjub fl-Artikolu 2 tal-Att dwar l-Unjoni Ewropea, Kap. 460 tal-Liġijiet ta' Malta.
>
> »5. Illi *di fatti*, l-Artikolu 2 tal-Kap. 460 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li l-kelma "trattat" tfisser it-Trattat mal-Unjoni Ewropea ffirmat f'Ateni fis-16 ta' April 2003 u jinkludi kull trattat, ftehim jew protokoll ieħor li Malta saret parti fih u/jew li sar japplika għal Malta bis-saħħa tiegħu stess, hekk kif stipulat fl-Att dwar l-Unjoni Ewropea, Kap. 460 tal-Liġijiet ta' Malta.
>
> »6. Illi skiont l-Artikiolu 13(2) tal-Att dwar ir-Referendi, Kap. 237 tal-Liġijiet ta' Malta, id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima V taħt liema saret il-fuq imsemmija dikjarazzjoni ma għandhomx japplikaw, *inter alia*, għal "(g) *kull leġislazzjoni li tagħti seħħ lil xi obbligazzjoni derivanti minn trattat li jkollha sehem fih Malta.*"
>
> »7. Illi jirriżulta għalhekk li d-dispożizzjonijiet tal-Att dwar ir-Referendi, Kap. 237 tal-Liġijiet ta' Malta, m'għandhomx japplikaw fil-każ tar-Regolamenti dwar Qafas biex tiġi Permessa Deroga li Tiftaħ l-iStaġun tal-Kaċċa tal-Gamiem u s-

Summien fir-Rebbiegħa Leġislazzjoni Sussidjarja 504.94 – Avviż Legali 221 tal-2010, *stante* li dawn jagħtu seħħ lill-obbligazzjonijiet derivanti mid-Direttiva 2009/147/KE, liema direttiva tifforma parti mit-Trattat mal-Unjoni Ewropea kif definit fl-Att dwar l-Unjoni Ewropea, Kap. 460 tal-Liġijiet ta' Malta.

35. Il-Qorti, filwaqt li ser tieħu in kunsiderazzjoni dak sottomess u mitlub fiż-żewġ rikorsi msemmija, sejra tagħti d-deċizjoni tagħha dwar l-istess rikorsi kif previst fl-artikolu 17(7) tal-Att dwar ir-Referendi Kap. 237 billi tgħaddi biex tiddeċiedi jekk tkunx teżisti xi waħda mir-raġunijiet biex ma jsirx ir-referendum u jekk ma tkun teżisti ebda raġuni bħal dik il-qorti tagħti digriet li r-referendum ikun jista' jsir u jekk tiddeċiedi li jkunu jeżistu raġunijiet li minħabba fihom ir-referendum ma għandux isir dak ir-referendum skont il-liġi jibqa' ma jsirx.

36. Il-Qorti hi tal-fehma li t-Trattat mal-Unjoni Ewropea ffirmat f'Ateni fis-16 ta' April 2003 huwa trattat kif previst fl-paragrafu (g) tal-artikolu 13(2) tal-Att dwar ir-Referendi Kap. 237 u li dan jinkludi d-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi. Għalhekk, jekk jiġi determinat li l-Leġislazzjoni Sussidjarja 504.94 tal-Liġijiet ta' Malta, A.L. 221 tal-2010, tagħti seħħ lill-obbligazzjonijiet derivanti mid-Direttiva 2009/147/KE msemmija jkun isegwi li d-dispożizzjonijiet tat-Taqsima V tal-Att dwar ir-Referendi Kap. 237 ma jkunux japplikaw għall-istess leġislazzjoni.

37. Il-qorti tosserva illi, min-natura tagħha, "deroga" hija mezz kif stat membru jkun jista' ma jimplimentax għalkollox dak li trid direttiva jew liġi oħra ewropea. Jekk jitħarsu l-kondizzjonijiet li trid direttiva, deroga tkun mod

leġittimu kif dan isir. Fil-każ tallum, il-L.S.504.94 hija mezz kif l-istat malti jista' leġittimament ma jimplimentax għalkollox id-Direttiva 2009/147/KE.

38. Il-fatt iżda illi deroga hija leġittima – għax iseħħu l-kondizzjonijiet kollha li fihom tista' tingħata – ma jfissirx illi - għax iseħħu l-istess kondizzjonijiet - hija obbligatorja. Fil-fatt, l-art. 9 tad-Direttiva 2009/147/KE – id-disposizzjoni li tippermetti d-deroga u tgħid f'liema ċirkostanzi tista' tingħata – igħid ċar illi "L-Istati Membri jistgħu – u mhux "għandhom" – jidderogaw ... ... ...". Fi kliem ieħor: bid-deroga stat membru jista' ma jimplimentax għalkollox id-Direttiva; mingħajrha, stat membru huwa marbut illi d-Direttiva jimplimentaha għalkollox u bla eċċezzjoni.

39. Taħt id-direttiva l-istat membru qatt ma hu obbligat li jimplimenta deroga, anqas meta jirrikorru ċ-ċirkostanzi li jippermettu tali deroga. Għandu għażla jimplimentahiex jekk iseħħu ċ-ċirkostanzi meħtieġa, u, jekk jimplimentaha, għandu obbligu li jħares il-kondizzjonijiet li skonthom trid tigi implimentata d-deroga, iżda jekk – ukoll biex iwettaq rieda popolari espressa f'referendum – jagħżel li ma jfittixx deroga dan l-obbligu li jħares il-kondizzjonijiet tad-deroga ma jibqax relevanti għax l-istat ikun qiegħed, minflok, iħares l-obbligu li jwettaq fis-sħiħ id-direttiva. Wara kollox, id-Direttiva 2009/147/KE stess mhux biss ma tgħidx illi l-istati membri huma marbuta li jimplimentaw deroga meta din hija possibbli, iżda anzi tgħid fl-art. 14 illi "L-Istati Membri jistgħu jintroduċu miżuri protettivi aktar stretti minn dawk li hemm previsti f'din id-Direttiva"[6].

6 Ara para. 5, *supra.*

40. Il-Federazzjoni iżda tgħid illi l-obbligu tal-istat malti illi jidderoga mid-Direttiva joħroġ mill-art. 2 li jrid li jinżamm bilanċ bejn il-ħtieġa li l-għasafar selvaġġi ma jinqatlux bla bżonn u l-ħtieġa tar-rikreazzjoni.

41. L-għan ewlieni tad-Direttiva 2009/147/KE hu li jitħarsu l-għasafar, għan li jintlaħaq b'implimentazzjoni sħiħa tad-direttiva aktar milli b'implimentazzjoni mnaqqsa kif inhi llum bid-deroga taħt il-L.S. 504.94. Anzi, kif rajna, l-art. 14 igħid illi "L-Istati Membri jistgħu jintroduċu miżuri protettivi aktar stretti minn dawk li hemm previsti f'din id-Direttiva". L-enfasi preponderanti tad-Direttiva 2009/147/KE hija għalhekk fuq il-ħtiega għal miżuri protettivi aktar milli fuq il-ħtieġa rekreazzjonali. Dak li jgħid l-art. 2 hu illi "tittieħed kunsiderazzjoni" tal-ħtiġijiet mhux biss rekreazzjonali iżda wkoll dawk ekonomiċi. Il-ħtiġijiet "rekreazzjonali" ma humiex biss dawk tal-Federazzjoni iżda wkoll dawk tal-Koalizzjoni u tal-popolazzjoni ġenerali. Biex "tittieħed konsiderazzjoni" ta' dawn il-ħtiġijiet mhux bilfors trid tegħleb waħda jew l-oħra b'mod illi tiġi implimentata deroga biex titħares biss waħda minn dawk il-ħtiġijiet. U jekk dawn il-ħtiġijiet ikunu in konflitt ma' xulxin referendum popolari b'għażla ħielsa fil-każijiet li trid il-liġi huwa mezz tajjeb sabiex jiġi riżolt il-konflitt.

42. F'dan il-kuntest ma jistax ma jingħadx illi, ladarba l-liġi pprovdiet dritt ġenerali għal referendum popolari legalment vinkolanti fuq l-Istat, u pprovdiet ukoll li biss eċċezjonalment, fil-każijiet speċifiċi previsti mil-liġi, din l-espressjoni tal-valur għoli tad-demokrazija ma għandhiex tiġi sostnuta mil-liġi, iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali fejn tali referendum popolari ma jistax isir huma, bħal kull eċċezzjoni, ta' interpretazzjoni stretta.

43. Il-qorti għalhekk tgħid illi l-leġislazzjoni sussidjarja L.S. 504.94 ma hix leġislazzjoni li tagħti seħħ lil xi obbligazzjoni derivanti mid-Direttiva 2009/147/KE, u għalhekk il-L.S. 504.94 ma taqax taħt waħda mill-eċċezzjonijiet tal-artikolu 16 tal-Kap. 237.

44. Il-Federazzjoni tgħid ukoll illi barra d-Direttiva – li, kif rajna, ma timponi ebda obbligu fuq stat membru li jidderoga minnha stess – hemm ukoll il-*Convention on the Conservation of European Wildlife and Natural Habitats* tal-Kunsill tal-Ewropa tad-19 ta' Novembru 1979 [il-"*Bern Convention*"]. Id-disposizzjonijiet relevanti ta' din il-konvenzjoni huma dawn:

» Article 1

»1. The aims of this Convention are to conserve wild flora and fauna and their natural habitats, especially those species and habitats whose conservation requires the co-operation of several States, and to promote such co-operation.

»… … …

»Article 2

»The Contracting Parties shall take requisite measures to maintain the population of wild flora and fauna at, or adapt it to, a level which corresponds in particular to ecological, scientific and cultural requirements, while taking account of economic and recreational requirements and the needs of sub-species, varieties or forms at risk locally.

»…

»Article 9

»1. Each Contracting Party may make exceptions from the provisions of Articles 4, 5, 6, 7 and from the prohibition of the use of the means mentioned in Article 8 provided that there is no other satisfactory solution and that the exception will not be detrimental to the survival of the population concerned:

»… … …«

45. Dawn id-disposizzjonijiet tal-*Bern Convention* jixbhu lil dawk tad-Direttiva u tista' tgħid illi, għall-għanijiet tal-kawża tallum, huma pratikament identiċi. Fiż-żewġ każijiet il-għan ewlieni huwa l-ħarsien tal-għasafar u *fauna* oħra u d-deroga hija possibbli iżda mhux obbligatorja. L-istess konsiderazzjonijiet

magħmula dwar id-Direttiva jgħoddu wkoll għall-*Bern Convention* u għalhekk il-qorti tgħid illi l-*Bern Convention* ma tqiegħed ebda obbligu fuq l-istati li irratifikawha illi jidderogaw minnha flok jimplimentawha għalkollox.

46. Il-Federazzjoni tkompli tgħid ukoll illi barra d-Direttiva u l-*Bern Convention* – li, kif rajna, ma jimponu ebda obbligu fuq stat membru li jidderoga minnhom stess – hemm ukoll l-*International Covenant on Economic, Social and Cultural Rights* tal-Ġnus Magħquda tas-16 ta' Diċembru 1966 [l-"*International Covenant*"] u tirreferi għall-artikolu 15 li jgħid hekk:

> »Article 15
>
> »1. The States Parties to the present Covenant recognize the right of everyone:
>
> »(a) To take part in cultural life;
>
> »(b) To enjoy the benefits of scientific progress and its applications;
>
> »(c) To benefit from the protection of the moral and material interests resulting from any scientific, literary or artistic production of which he is the author.
>
> »2. The steps to be taken by the States Parties to the present Covenant to achieve the full realization of this right shall include those necessary for the conservation, the development and the diffusion of science and culture.
>
> »3. The States Parties to the present Covenant undertake to respect the freedom indispensable for scientific research and creative activity.
>
> »4. The States Parties to the present Covenant recognize the benefits to be derived from the encouragement and development of international contacts and co-operation in the scientific and cultural fields.«

47. Il-Federazzjoni tkompli tgħid illi l-kaċċa hija attività kulturali u għalhekk mezz kif il-kaċċaturi "jieħdu sehem fil-ħajja kulturali".

48. Bla ma tidħol fil-kwistjoni jekk il-ħsieb tal-*International Covenant* huwiex li jagħti dritt fondamentali għall-kaċċa, il-qorti tosserva illi l-ħajja kulturali tinkludi l-attività kollha tal-bniedem u l-fatt li l-liġi tipprojbixxi attività partikolari ma jfissirx li b'daqshekk tkun qed tipprobixxi l-parteċipazzjoni fil-ħajja kulturali. Barra minn hekk il-ħsieb wara r-referendum propost huwa illi

titħassar disposizzjoni ta' liġi li tippermetti nuqqas ta' ħarsien sħiħ tad-Direttiva 2009/147/KE, b'mod li d-Direttiva tiġi implimentata bla ebda eċċezzjoni jew deroga fil-liġi ta' Malta, u ċertament ma jistax jingħad illi implimentazzjoni sħiħa tad-Direttiva tkun inkompatibbli mal-*International Covenant*.

49. Il-qorti għalhekk tgħid illi l-*International Covenant* ma tqiegħed ebda obbligu fuq l-istati li irratifikawha illi jippermettu l-kaċċa għall-gamiem u summiem fir-Rebbiegħa jew li jimplimentaw id-Direttiva billi jidderogaw minnha.

50. L-oġġezzjoni illi l-L.S. 504.94 hija "leġislazzjoni li tagħti seħħ lil xi obbligazzjoni derivanti minn trattat li jkollha sehem fih Malta" hija għalhekk miċħuda.

51. Fl-aħħar oġġezzjoni tagħha l-Federazzjoni tgħid illi l-qorti għandha tqis id-drittijiet tal-kaċċaturi bħala "grupp ta' minoranza" u għandha tqis ukoll illi:

> »… … … filwaqt illi huwa minnu li l-prinċipji tad-demokrazija jistipolaw li hija l-maġġoranza li tiggverna, mill-banda l-oħra tali governanza mill-maġġoranza għandha dejjem issir b'rispett lejn il-minoranzi.«

52. Il-Federazzjoni tkompli tgħid illi taħt l-art. 16(1) tal-Kap. 237, il-L.S. 504.94 ma tistax tintlaqat b'referendum abrogativ għax, jekk ma tibqax fis-seħħ, il-liġi "tkun inkompatibbli ma' xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Europea".

53. Il-Federazzjoni iżda ma ssemmi ebda disposizzjoni tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew tal-Konvenzjoni Ewropea li tgħid illi hemm dritt fondamentali għall-kaċċa, jew liema minn dawk id-disposizzjonijiet tista' tinkiser jekk titħassar il-L.S. 504.94. Tassew illi d-dritt tal-maġġoranza għandu jitwettaq b'rispett lejn id-

dritt tal-minoranza, iżda dan ir-rispett ma jinkisibx billi, kif trid il-Federazzjoni, il-poplu ma jitħalliex isemma' leħnu f'referendum. Kif ġà ingħad aktar 'il fuq[7], iċ-ċirkostanzi fejn referendum ma jistax isir huma previsti mil-liġi bħala eċċezzjoni għar-regola li referendum jista' jsir u bħal kull eċċezzjoni huma ta' interpretazzjoni stretta.

54. Din l-aħħar oġġezzjoni hija għalhekk miċħuda.

55. In kwantu għall-ewwel talba fir-rikors tal-Federazzjoni sabiex il-qorti tappunta r-rikors għas-smigħ din ġia ġiet effettivament miċħuda mill-qorti meta bid-digriet tagħha tal-4 ta' Diċembru 2014 għat-tenur tal-artikolu 17(1) tal-Kap 237 kkunsidrat li r-rikorsi u r-risposti huma ċari biżżejjed u ma humiex meħtieġa iktar sottomissjonijiet u stabbiliiet id-data ta' llum bħala d-data li fiha sejra tgħaddi biex tagħti d-deċiżjoni tagħha dwar ir-rikorsi.

56. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad ir-rikors ta' Joseph Perici Calascione *et* u dak ta' Mark Mifsud Bonnici *et*. Tgħid illi ma teżisti ebda waħda mir-raġunijiet biex ma jsirx ir-referendum u għalhekk tgħid illi r-referendum jista' jsir.

57. L-ispejjeż ġudizzjarji tar-rikors 365/2014 iħallsuhom ir-rikorrenti Joseph Perici Calascione *et in solidum* u dawk tar-rikors 364/2014 iħallsuhom Mark Mifsud Bonnici *et in solidum*.

7 Ara para. 42, *supra.*

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------